# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 25 ta' April 2024**

**Rikors numru 572/2020**

**Giovanni Briffa (K.I. 12369M)**
**vs.**
**David Lauri (K.I. 164777M)**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta' Giovanni Briffa ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2020, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent is-somma ta' erbgħa u tletin elf disa mija u ħamsin euro (34,950) rappreżentanti l-bilanċ ta' kummissjoni dovuta lilu f'rata ta' 6% fuq konsenji ta' merċi nonche spejjeż marbuta mal-finanzjament li r-rikorrent kellu jottjeni sabiex setgħa jforni l-flejjes li bihom inxtara l-kapital, liema spejjeż jinkludu l-interessi bir-rata ta' ċirka 6% fis-sena li l-istess rikorrenti kien iħallas lil APS Bank Limited biex ingħata dak il-finanzjament.

2. Rat ir-risposta ta' David Lauri ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2021, permezz ta' liema huwa oppona għat-talba (in suċċint) għar-raġunijiet segwenti:

i. Li t-talbiet tar-rikorrent kienu infondati fil-fatt u fid-dritt;
ii. Li l-ammont mitluba kien jammonta għal self bl-użura u b'hekk dak is-self kien null;
iii. L-ammont reklamat kien diġa kopert b'kambjala fejn fi proċeduri oħra marbuta mal-ħlas tal-istess kambjala r-rikorrent kien saħaq li dak l-istess ammont kien frott ta' self brevi manu;
iv. Li l-intimat kien diġa ikkontesta b'suċċess l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala fi proċeduri separati bin-numri 985/2017;
v. Li r-rikorrent kien jopera ta' Bank b'mod illegali in kwantu ma kellux liċenza jew awtorizzazzjoni biex jagħmel dak in-negozju u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta;
vi. Li dil-Qorti kellha tibgħat din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga u jieħu l-azzjoni opportuna;
vii. Li l-intimat mhux debitur tar-rikorrent;
viii. Li sussidjarjament l-intimat ma kienx il-leġittimu kontradittur.

3. Rat li b'digriet tat-28 ta' Ġunju 2021, din il-Qorti diversament ippreseduta, laqgħet it-talba tal-avukat difensur tal-konvenut għall-allegazzjoni tal-atti numru 985/17AF fl-istess ismijiet. (fol 33).

4. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti processwali.

5. Rat li fil-verbal tat-18 ta' Jannar 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

6. Il-fatti tal-każ (in suċċint) huma li r-rikorrent qed jipproċedi f' dan il-każ għall-ħlas ta' bilanċ ta' €34,950 dovut bħala ħlas lura ta' self inkluż imgħax u 'commission'. Kif premess, u kif sostnut anke fix-xhieda tar-rikorrent, ir-rikorrent kien qed jitlob mill-konvenut ir-rata ta' 12 fil-mija (12%) li skont hu tikkonsisti f' 6 fil-mija (6%) bħala rata ta' imgħax u 6 fil-mija (6%) oħra bħala commission, allegatament dovuta minħabba x-xiri ta' stokk ta' ħwejjeġ u materjal.

7. Min-naħa l-oħra li l-intimat qed isostni li l-ammont pretiż f'din il-vertenza mhux dovut, u li m'hemmx ebda relazzjoni kummerċjali u ebda ‘commission’ dovuta.

8. Intant fit- 28 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent kien bagħat ittra uffiċjali numru 1175/2017 sabiex irendi kambjala eżegwibbli għall-ammont mitlub f'dan il-każ, fejn f'din l-ittra ufficjali kien irrefera għal *self brevi manu*. L-intimat David Lauri kien ikkontesta dik l-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tar-rikors numru 985/2017 AF. Fil-fatt f’dak il-każ kienet intlaqgħet it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala imsemmija fl-ittra uffiċjali numru 1175/2017.

## C. EĊĊEZZJONIJIET

## IT-TMIEN EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

9. Illi fit-tmien eċċezzjoni preliminari l-intimat jeċċepixxi li huwa mhux il-leġittimu kontradittur u li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

10. Il-vertenza de quo titratta l-ammont li jidher f’kopja ta’ ċekk li ġie eżebit a fol 5-6 tal-proċess fl-ammont ta’ erbgħa u tletin elf, disa’ mija u ħamsin ewro (€34,950), liema ammont kien jirrappreżenta l-bilanċ tal-import ta’ kambjala hekk kif spjegat mir-rikorrent fl-affidavit tiegħu a fol 34 tal-proċess. Iċ-ċekk oriġinali ġie esebit permezz ta' nota tar-rikorrent ippreżentata fit-12 ta' Mejju 2022, li jinsab esebit fol 169.

11. Dan iċ-ċekk inħareġ minn Fashion Retailers Enterprises Limited - li mhux kontestat li tappartjeni lill-intimat – u huwa indirizzat lill-istess intimat David Lauri.

12. Biss dan ma jidhirx li kien l-uniku ammont ta’ flus li kien għadda mingħand ir-rikorrent lill-intimat nonche bejn il-ġenituri tagħhom. Fil-fatt, anke meta Lauri in kontro-eżami ġie mistoqsi jispjega kif il-kambjala murija a fol 8 tal-proċess 985 tal-2017 kienet maħruġa għal €65,000 u mhux €34,950 Lauri jgħid li dak kien ammont kompletament differenti, u li kien diġa tħallas. Fil-fatt anke l-provi li tresqu mir-rikorrent fl-istess proċess juru li huwa kien għadda diversi cheques lil familja Lauri mill-kont tal-Bank tiegħu stess. Iġifieri kien

hemm diversi somom ta’ flus li kienu għaddew mingħand ir-rikorrent lil Lauri u mhux biss ammont ta’ flus waħdieni. Dan huwa wkoll konferma mir-rikorrent innifsu meta jtenni li l-ammont reklamat f’dan il-każ kien dak li kien għad fadal li jitħallas lilu minn Lauri u b’hekk javalla t-teżi li dan l-ammont reklamat kien formanti parti minn partita ta’ flejjes oħra mogħtija minnu lil Lauri preċedentement.

13. Għalkemm David Lauri kien jopera tramite kumpaniji huwa kien ukoll iffirma dokumenti li bihom presta garanzija personali li jidher li kienet issir għall-ħlas lura lir-rikorrent tal-ammonti pretiżi minnu. Fid-dokumenti a fol 47 u 48 jirriżulta li hemm riferenza għal “guarantee personal and by company **<u>for loan</u>**[1] of €117,000”. Dan jitkellem fuq “loan”, bl-imgħax u spejjeż, mogħti fil-25 ta’ Settembru 2013 f'ammonti akbar minn dak indikat fuq iċ-ċekk fol 169. Id-dokument a fol 50 huwa wkoll dikjarazzjoni stampata iżda ffirmata wkoll minn David Lauri li turi li David Lauri kien ukoll qiegħed jagħti garanzija tiegħu personali kif ukoll bl-assi tal-kumpanija Fashion Retailers Enterprises Ltd għal “loan” ta’ mija u sbatax il-elf euro (€117,000) bl-imgħax u l-ispejjeż mogħti fil-25 ta’ Settembru 2013 permezz ta’ cheque maħruġ mill-APS Bank Limited f’isem David Lauri. Preżumibbilment dan jittratta l-istess “loan”, għalkemm dan ma ħariġx ċar mix-xiehda.

14. Dawn id-dokumenti li juru li David Lauri kien jidħol garanti fil-kapaċità personali tiegħu u kif ukoll bl-assi ġenerali tal-kumpanija Fashion Retailers Enterprise Limited, li tidher hemmhekk indikata wkoll fol 47 tal-proċess għall-ammonti ta’ “loan” li kien jirċievi mingħand ir-rikorrent.

15. Apparti dan, a fol 49 hemm dikjarazzjoni stampata oħra w iffirmata wkoll minn David Lauri li turi li David Lauri kien ukoll qiegħed jagħti garanzija tiegħu personali kif ukoll bl-assi tal-kumpanija Fashion Retailers Enterprises Ltd għal “loan” ta’ mija u erbgħin elf euro (€140,000) bl-imgħax u l-ispejjeż mogħti fl-1 ta’ Lulju 2012 permezz ta’ cheque maħruġ mill-APS Bank Limited f’isem Marcus Lauri, liema import kellu jiġi mħallas sa’ Jannar 2014 fi tmintax il-pagament mensili.

16. In kontro-eżami Lauri jgħid li meta dak iċ-ċekk kellu jissarraf, miegħu kien hemm ukoll kambjala. Lauri stess allura jgħaqqad dawn iż-żewġt dokumenti flimkien. Biss Lauri jgħid li dak iċ-ċekk qatt ma

[1] Enfażi miżjuda.

kellu jiġi msarraf mir-rikorrent għax skontu dak kien qed iservi ta' garanzija in kwantu kien intiż li jibdel ċekk ieħor li missier David Lauri kien ta' lil missier ir-rikorrent iżda li dak iż-żmien kien fi flus Maltin. L-intimat jikkonferma bil-ġurament tiegħu li dak iċ-ċekk iġġirah hu stess – għalkemm kien ċekk pagabbli mill-kumpanija Fashion Retailers Enterprise Limited lilu stess. L-intimat ikkonferma wkoll il-firma tiegħu fuq dak iċ-ċekk u in-numru tal-karta tal-identità tiegħu murija fuqu.

17. L-intimat jisħaq li l-import ta' dak iċ-ċekk u transazzjonijiet oħra li saru bejnu u r-rikorrent ma kellhomx x'jaqsmu ma xulxin u kienu differenti. Iżda fil-verita ma kienx ċar wisq dwar dan. B'hekk fid-dawl ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi li jirriżultaw mill-atti tal-każ, ma jistax jingħad li il-konvenut mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

18. Konsegwentement, il-Qorti sejra tiċħad it-tmien eċċezzjoni preliminari tal-intimat.

**Ikkunsidrat ulterjorment l-eċċezzjonijiet fil-meritu**

19. Kif ingħad, fit-talba tiegħu ir-rikorrent qed jitlob li l-intimat jiġi ikkundannat iħallas din is-somma ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u ħamsin Ewro (€34,950) rappreżentanti l-bilanċ allegatament dovut, li jidher fuq iċ-ċekk fol 5 u fl-original taċ-ċekk fol 169, liema ċekk baqa' ma ssarrafx.

20. Min-naħa l-oħra, l-intimat oppona għat-talba billi sostna li l-fatti premessi mir-rikorrent kienu foloz u inveritieri peress li l-unika ħaġa li kien qed jagħmel ir-rikorrent kien li jisilfu l-flus b'użura, u għalhekk tali self kien null u mingħajr effett a tenur tal-artikolu 966(d), 985, 986(2), 987, 990 u 991 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li din it-tipoloġija ta' self kienet illeċita u projbita mil-liġi, nonche kontra l-ordni pubbliku. L-intimat isostni li r-rikorrent kien bagħat ittra uffiċjali bin-numru 1175/2017 sabiex irendi kambjala eżegwibbli għall-ammont mitlub f'dan il-każ. Huwa kien ikkontesta dik l-ittra uffiċjali b'rikors ippreżentat taħt l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta numru 985/2017AF. Permezz ta' digriet datat 15 t'Ottubru 2019 dik il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu sabiex l-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwistjoni tiġi sospiża. Inoltre` l-intimat sostna wkoll li t-talba kienet infondata peress li kemm Giovanni Briffa u anke missieru Emmanuel Briffa kienu joperaw daqs li kieku kienu bank illegali billi jisilfu ammonti ta' flus inġenti b'mod regolari. Igħid li tali

self kien milqut minn kawża illeċita stante li kien sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 371 u tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 376.

21. Huwa inkontestat li l-ammont mitlub f'dan il-każ huwa l-istess ammont li kien ġie mitlub preċedentement bħala l-bilanċ rimanenti tal-import fuq kambjala li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet sospiża fil-każ 985/17AF fl-istess ismijiet. L-atti ta' dak il-każ jinsabu annessi ma' din il-proċedura. F'dan il-kuntest issir referenza għal dak deċiż meta ġiet sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjala li kien hemm viġenti bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> Skont ir-rikorrenti il-konvenut u qablu missieru issellef ammonti kbar ta' flus lil firxa ta' nies bl-użura u l-kambjala mertu tal-każ kellha sservi bħala garanzija għal self li kien oriġinarjament sar minn missier il-konvenut Emanuel Briffa, lil missier ir-rikorrenti Joseph Lauri. Ir-rikorrenti jinsisti li l-konvenut qatt ma ried li jitħallas il-kapital imma kull sena kien jitlob ħlas ta' imgħax fuq is-somma mislufa b'rata ogħla minn dik li tippermetti il-liġi.
>
> Wara li fliet il-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, din il-qorti ma tistax ma tesprimix id-dubbji serji tagħha dwar il-verżjoni tal-konvenut. Il-konvenut jinsisti li huwa jaħdem bħala commission agent u in-negozju bejn il-partijiet kien isir billi huwa jissellef mill-bank, jgħaddi l-flus lir-rikorrenti jew lil ħuh sabiex dan tal-aħħar jixtru merkanzija għan-negozju, u fuq kull somma flus li kien javvanzalhom kien iżommilhom 'commission' ta' 12 fil-mija (12%) li skont hu kienet tinkludi l-imgħax tal-bank. Għal kull somma flus li kien javvanza l-konvenut, il-partijiet kienu jiffirmaw kambjala li tkopri l-ammont avvanzat.
>
> Madankollu il-verżjoni tal-konvenut la hija verosimili u lanqas kredibbli. Mill-atti jirriżulta li bejn Frar tal-2011 u Diċembru tal-2013 huwa avvanza €658,000 lill-ahwa Lauri, imma skrittura li tirregola r-relazzjoni ta' bejniethom ma teżistix u lanqas il-konvenut qatt ivverifika x' kien qiegħed isir bil-flus. Din il-qorti issibha diffiċli sabiex temmen li l-konvenut kien ser joħroġ dawn il-flus kollha mingħajr ma jkolllu xi ħaġa bil-miktub x'juri li kieku verament in-negozju bejn il-partijiet kien wieħed leċitu. Il-verżjoni tal-konvenut tieħu xejra aktar dgħajfa meta wieħed iqis ix-xhieda xejn konvinċenti tiegħu fejn saħansitra lanqas kien ċert jekk il-'commission' ta' 12 fil-mija (12%) li jsemmi preċedentement kinitx tkun inkluża fil-kambjali jew le.

22. F'dan il-każ jeżistu żewġ verżjonijiet kompletament konfliġġenti dwar in-natura tal-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet u b'mod partikolari dwar il-ftehim preċiż li kien jolqot l-ammonti reklamati f'din il-kawża. Rinfaċċata b'verżjonijiet kontrastanti, din il-qorti trid tagħmel il-valutazzjoni tagħha tal-provi prodotti u tara sewwasew jekk min ikun qiegħed jallega fatt ikunx irnexxielu

jippruvah sal-grad rikjest mill-Liġi, f'dan il-każ allura fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet. Dwar dan il-punt, il-provi huma diverġenti u konfliġġenti[2] u f'każijiet simili, din il-Qorti tistrieħ fuq it-tagħlim ġurisprudenzjali, inkluż dak deċiż mill-Prim Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966 fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia.**[3]

23. Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami magħmul fil-15 ta' Novembru 2022 a fol 179, ir-rikorrent isostni li bejnu u l-intimat kien hemm relazzjoni kummerċjali fejn huwa kien jaġixxi ta' 'commission agent'. Igħid li meta l-intimat kien isib stock ta' ħwejjeġ u materjal

---

[2] "F'każ ta' konflittwalità, il-qorti trid tadopera b'aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi"........Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement, ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekja ir-realtà tal-fatti u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."**Ara Middlesea Insurance plc noe vs Victor Sammut** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju 2003, **Dr. Elizabeth vella MD vs Bieb Bieb Lmited**, deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2011; **Dr. Joseph Camilleri noe vs Trebee Compnay Limited**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2017; **Grezzju u Antonia Patiniott vs George Degiorgio** deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fil-11 ta' April 2019.

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ **Enrico Camilleri vs Martin Borg** fis-17 ta' Marzu 2003:

> Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibbiltajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bbażata fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet.

Ara wkoll **E. Zammit vs Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar 1952 u **Paul Vassallo vs C. Pace**, Appell Civili deċiż fil-5 ta' Marzu 1986).

[3] Mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet għandu jħalli lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-*in dubio pro reo*. Il-kunflitt fil-provi sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni huma ħaġa li l-qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha........ Meta l-każ ikun hekk il-qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatojja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-dawl ta' soliti kriterji tal-kredibilità u tal-preponderanza tal-provi għax dawn f'kawża ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant......... Anzi f'każijiet bħal dawn aktar ma jkun il-kunflitt bejn verżjoni oħra, aktar tidher il-possibiltà tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo** deċiż fil- 25 ta' Ġunju 1980 Appell Ċivili Sede Inferjuri ġie speċifikat:

> Fi kwistjoni ta' kredibilità u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn ewl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.

Meta l-qorti tkun rinfaċċjata b' żewġ verżjonijiet kunfliġġenti il-qorti għandha tkun iggwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha. Hekk intqal fil-każ **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deċiż mill-Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef Philip Sciberras), li l-Qorti:

> Tgħaraf tislet minn dawn il-provi korraborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u
>
> Fin-nuqqas li tiġi applikata il-massima *actore non probante reus absolvitur*.

barra minn Malta, kien hemm drabi fejn dan kienu jixtruh flimkien u r-rikorrent kien jieħu persentaġġ fil-forma ta’ kummissjoni fuq dak ix-xiri tal-istess stokk. Mill-affidavit tar-rikorrent jingħad li meta kienu joperaw b'dan il-mod, il-ħlas kien isir mill-konvenut permezz ta' ċekk imbagħad kienet tinħareġ kambjala u garanzija personali.[4] Madankollu joħroġ ċar mix-xhieda tar-rikorrent in kontra eżami li l-garanzija li kienet tinħareġ kienet tirrappreżenta l-ħlas tal-flus lura lilu u mhux tal-prezz jew il-valur tal-istokk ta' ħwejjeġ jew kummissjoni fuqhom.

24. Ir-rikorrent għalhekk jallega li bejnu u bejn David Lauri kien hemm ftehim li permezz tiegħu Lauri kien jirċievi l-flus mingħand ir-rikorrent biex bihom jixtri stokk u mbagħad iħallas lura lir-rikorrent kummissjoni f’total ta’ 12 fil-mija li skontu kienu maqsumin f’6% bħala l-kummissjoni fuq il-prezz tal-istokk u l-kumplament ta’ 6% kienu l-“ispejjeż” li skontu kienu jirrappreżentaw is-6% ċirka f’imgħax li huwa kien iħallas lil APS Bank meta kien jissellef il-flus biex bihom Lauri kien jixtri l-istokk għan-negozju tiegħu.

25. Biss in kontro-eżami ir-rikorrent jikkonferma li huwa ma kellux prova bil-miktub dwar dan il-ftehim jew dwar l-ammont tal-istokk li kien jinxtara minn barra minn Malta bil-flus li huwa kien jgħaddi lil Lauri. Għalkemm ir-rikorrent kien f’qagħda li juri bil-provi dokumentarji li huwa kien jissellef il-flus mill-APS Bank Limited u kien ukoll f’qagħda li juri bil-provi dokumentarji li kienu jinħarġu ċekkijiet mill-kont tiegħu mal-APS Bank Limited lil Marcus Lauri u lil David Lauri[5] ma kienx f’qagħda li juri bi provi dokumentarji l-ftehim li huwa jsemmi li kellu ma Lauri dwar ir-raġuni għaliex huwa kien jislef il-flus lil Lauri u allura r-raġuni għaliex huwa kien jippretendi li jitħallas il-kummissjoni ta’ 12% msemmija minnu mingħand Lauri.

26. Ir-rikorrent kien jippretendi li jitħallas il-kummissjoni tiegħu fuq l-istokk li kien jixtri Lauri għax wara kollox isostni li huwa kien “commission aġent” u mhux sellief tal-flus. Iżda fl-istess waqt ma kienx f’qagħda jipprova b’dokumenti bħal invoices jew irċevuti għall-istokk li suppost Lauri kien jixtri bil-flus li kien jgħaddilu u li fuqhom kien ikun jista’ jaħdem l-ammont ta’ kummissjoni dovuta lilu bħala “commission agent”. Ma kienx f’qagħda juri bi provi miktuba kif dawk il-flejjes li huwa kien jgħaddi bil-mezz ta’ ċekkijiet lil Lauri kienu marbuta mal-merkanzija li allura dan kien jixtri bl-intervent tiegħu u li minnha huwa kien jippretendi li jitħallas il-kummissjoni ta’ 6%, oltre

[4] Fol 35 l-affidavit tar-rikorrent.
[5] Ara f’dan is-sens id-dokumenti eżebiti a fol 81 sa 89 fil-proċess 985/2017AF.

l-ispejjeż minnu reklamati ta’ 6% oħra. Fil-fatt meta r-rikorrent ġie mistoqsi jekk għandux invoices jew riċevuti tal-istokk li kien jinxtara minn barra minn Malta, huwa wieġeb li ma kellux, u qal li ma teżisti l-ebda prova dwar dan. Issa din hija ħaġa wisq stramba meta wieħed iqis li huwa suppost li kien jikkalkula l-ammont ta’ kummissjoni dovuta lilu fuq l-import ta’ dan l-istokk mixtri tramite s-servizzi tiegħu ta’ “commission aġent” u mhux sellief tal-flus.

27. Fl-istess xhieda tiegħu in kontro-eami ir-rikorrent jikkonferma wkoll, li huwa m'għandu ebda rendikont u d-dokumenti x'juri dwar iż-żmien preċedenti meta missieru Emanuel Briffa kien jinnegozja ma’ Joseph Lauri, li jiġi missier l-intimat.

28. Fil-każ 985/17AF ir-rikorrent ukoll kien sostna li (bil-flus li kien jissellef mill-APS Bank) huwa kien jgħaddihom lil Lauri biex dan jixtri l-istokk. Iżda fil-kaz odjern, ir-rikorrent rega’ ikkonferma, li huwa m'għandu l-ebda invoices u riċevuti ta' stokk li kien jinxtara minn barra minn Malta flimkien ma Lauri jew minn Lauri waħda bil-flus li huwa kien jgħaddilu in eżekuzzjoni tal-ftehim li huwa jgħid li kellu ma Lauri.

29. Biss għall-preċiżjoni, dan mhux għal kollox korrett peress li a fol 53 u 54 jirriżulta li r-rikorrent stess kien ippreżenta żewġ dokumenti fuq letterhead “Firm Emanuel Briffa – Commission Agents and Manufacturers’ Representatives” li fihom hemm żewġ dikjarazzjonijiet bit-Taljan li jidhru indirizzati lid-ditta Adieffe Import – Export ta’ Di Angelo De Florio ta’ Via Argiro, 117, 70121, Bari u f’liema dikjarazzjonijiet u jingħad li d-ditta Emanuel Briffa kienet benefiċjarja ta’ “proviggioni del 8% e 10% sulle esportazioni dalla ditta ADIEFFE Import – Export di Angelo De Florio... alle seguenti ditte”:

(a) marbuta mal-fattura 2510/JB/12 tal-25 t’Ottubru 2012 hemm riferenza għall-fattura 09 datata 25/06/12 lid-Ditta Fashion Retailers Limited fl-import totali ta’ €3487.50 u fejn il-“prov” kienet dik ta’ 10% u allura fl-ammont ta’ €348.75; kif ukoll

(b) marbuta mal-fattura 2602/CS/13 tals-26 ta’ Frar 2013 hemm riferenza għall-fattura 08 datata 19/06/12 lid-Ditta Fashion Retailers Limited fl-import totali ta’ €9446.67 u fejn il-“prov” kienet dik ta’ 10% u allura fl-ammont ta’ €944.67 u kien hemm ukoll it-trasport fl-ammont ta’ €605.00 fejn allura l-“prov” t’10% kienet tammonta għal €60.50.

30. Biss dawn id-dokumenti huma dikjarazzjonijiet unilaterali magħmula minn Giovanni Briffa in kwantu jġibu biss il-firma tiegħu u ma hemm ebda kontro-firma da parti tad-ditta ADIEFFE Import-Export jew t'Angelo Del Florio jew Lauri jew ħaddieħor.

31. Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument dawn id-dokumenti jiġu meqjusa bħala evidenza ta' ftehim ta' kummissjoni dovuta lir-rikorrent fuq stokk mixtri minn Lauri bl-intervent tiegħu ta' "commission agent", jibqa' l-fatt li din il-"provvigione" reklamata minnu kienet fl-import ta' <u>**10%**</u> u mhux ta' 6% skont kif isemmi r-rikorrent li kien il-ftehim bejnu u Lauri. Għalhekk, anke jekk għall-grazzja tal-argument dawn iż-żewġt dokumenti jistgħu allura jagħtu kreditu għal dak mistqarr mir-rikorrent li fil-fatt kien hemm relazzjoni kummerċjali bejniethom fil-qasam ta' xiri ta' stokk minn barra minn Malta, mill-banda l-oħra, l-import ta' kummissjoni fuq dawn iż-żewġt konsenji twassal għal €1353.92, li hija ferm il-bogħod minn dak reklamat mir-rikorrent u fi kwalunkwe każ hija maħduma b'perċentwali ta' kummissjoni ferm għola minn dik imsemmija minnu bħala li miftehma ma Lauri ta' 6% (in kwantu s-6% l-oħra kienu skontu rimbors ta' spejjeż u imgħaxijiet li huwa kien iħallas lil APS Bank fuq is-self li huwa kien jottjeni biex jgħaddihom lil Lauri). Verament li wieħed jista' jargumenta bil-maqlub, u ċjoe li l-provvigione ta' 10% kienet anqas minn dak miftiehem ma Lauri. Iżda anke li kieku wieħed kellu jilqa' din it-teżi iżjed benevola għar-rikorrent, xorta jibqa' l-fatt li dawn id-dokumenti ma jirriflettux il-ftehim li r-rikorrent isostni li huwa kellu ma Lauri ta' kummissjoni ta' 12% maqsuma f'6% bħala kummissjoni u 6% rimbors ta' spejjeż, interessi mħalsa minnu lil Bank eċċetra.

32. Apparti minn hekk, minbarra dawn iż-żewġt dokumenti, ma hemm ebda dokument ieħor maħruġ jew iffirmat minn xi persuna li mingħandha ġew mixtrija l-merċi msemmija mir-rikorrent – anke peress li, kif intqal iżjed il-fuq, f'dan il-każ ta' dawn iż-żewġt dokumenti id-dikjarazzjonijiet inħarġu mir-rikorrent u mhux mid-ditta estera li suppost forniet il-merċi.

33. Sostanzjalment għalhekk minkejja li r-rikorrent qed isostni li dan in-negozju ta' xiri ta' stokk kien ilu jsir għal ħafna snin, hija ferm stramba li ma kienx f'qagħda jipproduċi xi kitba bejn il-partijiet li turi l-ftehim li kellhom u li dan in-negozju ta' xiri ta' stokk minn barra kien verament qed isir, jew almenu xi dokument ieħor mingħand xi fornitur esteru jew lokali li juri l-intervent tiegħu bħala "commission agent"

biex ikun ġie mixtri l-istokk in kwistjoni – u dan meta tali dokumenti kienu fl-interess tiegħu li jeżistu biex ikun jista’ juri u jsaħħaħ il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tal-kummissjoni li jgħid li kienet dovuta lilu.

34. Ir-rikorrent naqas milli jressaq prova, sal-grad tal-probabbli, il-ftehim li huwa jgħid li huwa kellu ma Lauri fis-sens li huwa kien involut direttament u personalment fix-xiri tal-istokk għan-negozju ta’ Lauri u li allura li jkun iggwadanja l-‘commission’ tiegħu fuq tali xiri ta’ merċi.

35. Mill-banda l-oħra, dan jikkuntrasta mal-fatt li r-rikorrent kien preċiż ferm meta huwa kien jiġi biex jissellef u joħroġ iċ-ċekkijiet, kambjali u garanziji personali fuq dak li allura kien jippretendi li kien l-ammont ta’ kummissjoni dovuta lilu u allura sabiex il-posizzjoni tiegħu tkun salvagwardjata fir-rigward tal-flus li huwa kien jgħaddi lil Lauri matul is-snin. Fil-fatt ma ġiex l-anqas kontestat li fil-fatt ir-rikorrent kien jgħaddi diversi ammonti ta’ flejjes lil Lauri. Biss f’dan il-każ, il-problema li għandu r-rikorrent mhix dik li ma weriex li huwa kien jissellef dawn il-flus mill-Bank u li kien jgħaddihom lil Lauri, iżda li ma kienx f’qagħda juri bil-provi li fil-fatt kien hemm il-ftehim speċifiku ma Lauri dwar kif il-flejjes mgħoddija minnu lil Lauri kienu, jew kellhom jiġu użati minnu u minn Lauri, u allura r-raġuni wara l-ħlas lura li Lauri kellu jagħmel lir-rikorrent u l-ammonti ta’ ħlasijiet li l-istess Lauri kellu jħallas lir-rikorrent.

36. Il-Qorti tqis li r-rikorrent irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa kien igawdi minn liċenza ta’ “commission agent” in kwantu dan ġie pruvat bix-xiehda ta’ Joanna Calleja in rappreżentanza tal-Malta Chamber of Commerce, li sostniet li għalkemm ma sabitx kopja tal-liċenzja proprja, xorta ikkonfermat li Giovanni Briffa huwa liċenzjat biex jaħdem bħala ‘commission agent’, hekk kif jidher fir-reġistru li jiġi ppubblikat kull sena fil-Gażżetta tal-Gvern. Dix-xhud żiedet li kien Emanuel Briffa, missier ir-rikorrent, li kien oriġinarjament irreġistrat fis-sena 1969, sabiex imbgħad il-liċenzja inqalbet fuq Giovanni Briffa, għalkemm ma setgħetx tindika f'liema sena sar dan il-qlib.

37. Prova oħra in sostenn tal-fatt li r-rikorrent verament kien jissellef il-flus mill-APS Bank Limited kienet ix-xhud Ebishka Aquilina, in rappreżentanza tal-Bank APS, li esebiet kopji ta' sanction letters - Dok APS 1 sa 10 - fejn ikkonfermat li r-raġuni indikata għas-self ta’ flus li kien jingħata mir-rikorrent kien biex huwa

jixtri stokk jew materjal in konnessjoni man-negozju tiegħu. Iżda imbagħad meta ġie mistoqsi biex juri li fil-fatt dawn il-flejjes ġew minfuqa fi stokk – u fejn allura d-dokumentazzjoni tax-xiri tagħhom, tat-trasport tagħhom u tal-importazzjoni tal-istess stokk f'Malta kienet essenzjali sabiex tali merċi tkun tista' tinġieb f'Malta u hawnhekk mibjugħa – r-rikorrent ikkonferma li huwa ma kellux tali dokumenti x'juri.

38. Min-naħa l-oħra meta l-intimat Lauri xehed in kontro-eżami fit-12 ta' Ottubru 2023 (fol 199 *et sequitur*), l-intimat ikkonferma dak sostnut fl-affidavit tiegħu eżebit fil-każ numru 985/17AF, iġifieri li r-rikorrent kien jisilfu l-flus biex imbagħad Lauri jixtri l-istokk għan-negozju tiegħu biex imbagħad ir-rikorrent jieħu l-imgħax fuq is-self li kien issellfu; Lauri jisħaq li r-rikorrent ma kienx jieħu 'commission' fuq il-merċi li huwa kien jixtri. L-intimat b'hekk jisħaq li bejn il-partijiet kien self ta' flus u mhux in-negozju kif qed isostni fil-verżjoni tiegħu ir-rikorrent. Fil-fatt fix-xhieda in kontro-eżami l-intimat sostna li <u>fuq l-ammont reklamat f'dan il-każ</u>, ma kienet teżisti ebda relazzjoni kummerċjali – għalkemm ma eskludiex li fuq ammonti oħra u iżgħar setgħa kien hemm. Mistoqsi għalhekk dwar ir-relazzjoni kummerċjali li seta' kien hemm mar-rikorrent fil-passat, dwar xiri ta' stokk u 'commission', il-konvenut wieġeb li <u>l-ammont pretiż f'dan il-każ ma kienx milqut minn relazzjoni kummerċjali imma kien biss self</u>.

39. Fil-kontro-eżami tiegħu tal-15 ta' Novembru 2022, meta r-rikorrent ġie mistoqsi dwar ix-xiri ta' stokk u 'commission' u dwar ir-rata ta' tnax fil-mija (12%) li kien jippretendi li jitħallas mingħand l-intimat, f'paġna 179 et seq huwa jwieġeb hekk:

> Giovanni Briffa: Lauri kien isib stokk, tajjeb, li nixtruh flimkien u jien u jieħu persentaġġ minnu, bħala commission agent, li jien għandi l-aġenzija.
> Dr William Cuschieri (avukat difensur tal-konvenut): Issa jiġifieri inti qed tgħid li kont involut fix-xiri ta' stokk qed nifhem sew?
> Giovanni Briffa: Iva.
> .../...
> Dr. William Cuschieri: U tiċħad li kien self minnek lill-kumpaniji ta' Lauri?
> Giovanni Briffa: Mhux self hekk. Dan bħal meta tixtri xi ħaġa u jagħtik sixty days credit, ninety days credit.
> Dr. William Cuschieri: Jiġifieri inti ssostni li kont qed tixtri stokk?
> Giovanni Briffa: Hekk hu.
> Dr. William Cuschieri: Issa minn fejn kont tixtrih l-istokk?
> Giovanni Briffa: L-istokk huwa ta' Benetton.
> Dr. William Cuschieri: Sewwa. Minn barra minn Malta hux hekk?
> Giovanni Briffa: Minn barra minn Malta, ovvjament, iva.

Dr. Cuschieri: Issa barra is-sanction letters, xi dokumenti li juru li kont qed tixtri stock minn barra minn Malta ngħid sew li m'għandekx?.......
Giovanni Briffa: Bħala invoices?
Dr. William Cuschieri: Iva jew irċevuti
Giovanni Briffa: Bħala invoice le m'ghandix.
Dr. William Cuschieri: u rċevuti?
Le, invoices waħda bl-Ingliż u waħda bil-Malti.
Dr. William Cuschieri: invoice nifhem biha talba għall-ħlas, irċevuta recipt li xi ħadd ħallas. Nifhem sew li la għandek waħda u l-anqas għandek l-oħra?
Giovanni Briffa: Eżatt.
Dr. William Cuschieri: U nifhem sew li dawn kienu dejjem joħorġu fuq il-kumpanija ta' Lauri fuq fashion retailers?
Giovanni Briffa: hekk hu.
Dr. William Cuschieri: Issa allura ngħidlek sew li dan kien self fin-negozju bejnietkom?
Giovanni Briffa: No, ma kienx self. Żgur li ma kienx self. Mela jekk nagħmlu joint venture u niffinanzja jien, imbagħad.
Dr. William Cuschieri: Dokumenti li juru li din joint venture għandek?
Giovanni Briffa: hu żgur.
Dr. William Cuschieri: għax inti ċekkijiet u kambjali.
Giovanni Briffa: u garanziji fejn irrifma kemm personali u kemm bħala fashion retailers.
Dr. William Cuschieri: Imma naqblu li dawk kollha jirreferu għal ammonti ta' flus mhux għal stokk? naqblu?
Giovanni Briffa: Imma l-flus biex xtara l-istokk mhux, biex jinstara l-istokk, mhux flus.
Dr. William Cuschieri: Inxtara l-istokk minn kumpanija ta' David Lauri, naqblu?
.../...
Giovanni Briffa: Le, ma naqblux illi self, no, no ma naqbilx.
.../...
Dr. William Cuschieri: Imma jekk ngħidlek illi inti kont ittihom il-flus lil Lauri u qablek anke l-papa' tiegħek, hemmhekk taqbel?
Giovanni Briffa: Iva.
.../...
Dr. William Cuschieri: Mela ċekkijiet jew bank transfer. Issa kontroll x'David Lauri għamel b'dawk il-flus kellek jew ma kellex?
Giovanni Briffa: Mhux dejjem. Kien hemm fiduċja.
Dr. William Cuschieri: Imma mela allura għalfejn mhux insejħulu self?
Giovanni Briffa: Għax ma kienx self. Self biex tmur tilgħabhom mhux biex tixtri stokk. Jiena bir-rispett kollu jiena naħseb.
.../...

Ri-eżami

Dr. Carl Grech: Tista' fil-qosor ħafna tispjega lil Qorti n-negozju li kellu, li kien hemm ma' Lauri u l-kumpaniji tiegħu kif kien jaħdem?
Giovanni Briffa: Mela David kien jieħu ħsiebu hu, jiġġestixxi hu l-kumpanija ta' Benetton, tajjeb, issa kien jgħidli isma'.
Dr. Carl Grech: Tal-Benetton hawn Malta?

Giovanni Briffa: Malta, Malta, bħala sole distributor ħa ngħid hekk. Issa kien isib stokk illi kien tajjeb u kien jgħidli isma' nixtruh u ntik commission? U jien aċċettajt. Flus tiegħi ma kellix, allura kont immur l-APS, nuriha li għandi din il-biċċa xogħol u kienet toħroġli sanction letter fuq hekk.
Dr. Carl Grech: Issa l-commission kif kienet tinħadem u kemm kienet?
Giovanni Briffa: mela commission kienet jiena kont inħalla l-interessi tal-bank plus li tiżdied xi 6 per cent commission.
Dr. Carl Grech: U inti kif kont tkun taf kemm kellek titħallas?
.../...
Giovanni Briffa: Le għax jiena l-bank kienu joħorġuli s-sanction letter u kien ikun hemm miktub il-persentaġġ.
Dr. Carl Grech: kemm kellek titħallas inti mhjux kemm kellek tħallas lil bank. Inti how did you konw what you had to get paid?
Giovanni Briffa: Mela aħna kkalkulajna 12 per cent, li minnhom tkun qed tagħlaq il-dawk tal-bank, il-kumplament għalik.
Dr. Carl Grech: jiġifieri f'dawk it-12 per cent hemm l-imgħaxijiet tal-bank plus il-commission tiegħek?
Giovanni Briffa: plus il-commission tiegħi, eżatt.
Dr. Carl Grech: u kif kont tkun taf kemm kellek titħallas, jiġifieri din it-12 per cent bil-Malti fuq xiex kienet tinħadem?
Giovanni Briffa: Għax konna nieħdu average, għax is-sanction letter fil-fatt anki jidhru li dejjem differenti l-imgħaxijiet. Daqqa 5.2, daqqa 5.9, daqqa 4.8.
.../...
Dr. Carl Grech: Orrajt inti imgħaxijiet, inti imgħaxijiet, inti lil David Lauri mponejtlu?
Giovanni Briffa: Imponejtlu jien dawk it-tnax fil-mija (12%) bħala commission, tajjeb, bħala commission li fihom jikkaverja l-imgħaxijiet tal-bank u l-commission.
Dr. Carl Grech(avukat difensur tar-rikorrent): Inti lil Lauri qatt tlabtu xi imghaxijiet?
Giovanni Briffa: Commission.
Kontro-eżami
Dr. William Cuschieri: Pero wara dan kollu nifhem sew l-istatement min-naħa tiegħek lill-awturi ma kienx joħroġ? Ma jeżistix statement?
Giovanni Briffa: dak kien l-aħħar pagament ta'. Iċ-ċekk li ħariġlu, iċ-ċekk li ħariġli huwa l-aħħar pagament.
Dr William Cuschieri: Ara naqblu li kontijiet bejnietkom ma kienx hemm? Jiġifieri ma kienx, inti m'intix kumpanija li bniedem tibgħatlu rendikont ta' x' għandu jagħtik, ma kienx qed isir hekk naqblu li ma kienx qed isir hekk?
Giovanni Briffa: Kien isir anke privatament u kien isir anke f'meetings li kellna bejnietna. Konna niltaqgħu.
Dr. William Cuschieri: Imma ma kontx toħroġlu dokument formali pereżempju indirizzat David Lauri Fasion Retailers whatever?
Giovanni briffa: Le le le.

40. Il-punt ta' kontestazzjoni jikkonċerna prinċipalment jekk il-flus, ossija l-ammont mertu ta' din il-vertenza - erbgħa u tletin elef disa' mija u ħamsin Ewro (€34,950) - li r-rikorrent qed jitlob, kinux self jew

kinux jirrappreżentaw flus mogħtija lil Lauri biex dan jixtri stokk b'Lauri jħallsu lura 12 fil-mija (12%) maqsuma f'sitta fil-mija (6%) commission u l-kumplament spejjeż tal-bank u imgħaxijiet li r-rikorrent ikun ħallas fuq l-ammont tal-finanzjament. Min jallega jrid jipprova l-każ tiegħu sal-grad rikjest mill-Liġi. Il-verżjoni tar-rikorrent mhix sorretta suffiċjentement b'xhieda u b'dokumenti li jsostnuha.

41. Għalkemm il-Qorti tifhem li f'ċerti relazzjonijiet kummerċjali il-fiduċja hija fundamentali, mill-banda l-oħra ssibha bilwisq stramba kif ir-rikorrent - li jsostni li ma silifx flus lil Lauri iżda li drabi jgħid li huwa kien ftiehem fuq kummissjoni ma Lauri jew drabi oħra jgħid li daħal f'joint venture miegħu fix-xiri ta' stock - ma kienx iżomm dokumenti biżżejjed biex isaħħaħ dak in-negozju tiegħu; kif snin ta' negozju ta' flus użati għal xiri ta' stokk u kummissjonijiet fuqu ma kienu jsibu s-saħħa u l-konfort ta' ebda dokument warajhom għajr ħlief żewġ dikjarazzjonijiet unilaterali tar-rikorrent.

42. Kemm-il darba l-ammont reklamat f'dan il-każ, kien ikopri 'commission' relatata man-negozju kummerċjali u xiri ta' stokk ta' ħwejjeġ, kien jeħtieġ li r-rikorrent li jipproduċi provi u dokumenti li juru dan. Fin-nuqqas ta' prova tal-ftehim bejn il-partijiet murija minn xi dokument, ir-rikorrent kellu almenu jressaq provi dokumentarji mhux biss li huwa ħareġ flejjes lil Lauri b'ċekkijiet jew bank transfers, iżda provi dokumentarji li juru li fil-fatt bejnu u bejn Lauri kien hemm il-ftehim li huwa jsemmi fir-rikors ġuramentat tiegħu. Biss anke dwar dan, ix-xiehda tar-rikorrent ma kienetx univoka, in kwantu drabi jgħid li din kienet ta' joint venture fejn jinxtara stock flimkien jew drabi oħra jgħidli huwa għadda flus lill-intimat biex jixtru stokk flimkien u drabi oħra li għadda fl-flus lill-intimat biex dan jixtri stokk li fuqu mbagħad ir-rikorrent setgħa jingħata l-kummissjoni.

43. Il-provi li r-rikorrent ressaq semmai huma provi li juru li huwa minn naħa tiegħu għadda ammonti ta' flus inġenti lil Lauri. Il-Qorti tifhem li r-rikorrent għadda dawn il-flejjes lil Lauri għal fini ta' negozju u mhux b'xi pjeċir jew b'gost. Għalhekk ir-rikorrent kellu jkun f'qagħda li, fin-nuqqas ta' prova miktuba li turi l-ftehim bejnu u Lauri dwar il-ħlas ta' kummissjoni, almenu juri bi provi oħra – prinċipalment dokumentarji – li huwa kien intitolat li jitħallas kummissjoni skont kif kien qiegħed jitlob fir-rikors promotur, għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors promotu. Dan però r-rikorrent ma għamlux.

44. Apparti li ma ġabx prova miktuba tal-ftehim imsemmi, jew invoices jew riċevuti tal-istokk mixtri flimkien ma Lauri jew minn Lauri b'istruzzjonijiet tiegħu, ir-rikorrent l-anqas ma pproduċa xi rendikonti dwar ix-xiri tal-istokk u l-kummissjoni imħallsa lilu. Ebda evidenza ta' kontabilita jew traċċabilita' tal-prodotti mixtrija u l-eventwali kummissjoni dovuta jew imħalsa. Fix-xhieda tiegħu ir-rikorrent isostni li l-konvenut kien jagħtih ċekkijiet u flus biss u jasal sa hemmhekk. Fin-nuqqas ta' provi miktuba li jsaħħu dak mistqarr mir-rikorrent, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li, sal-grad tal-probabbli, il-flus mgħoddija lill-intimat mir-rikorrent kienu verament regolati bil-ftehim li jgħid li kien hemm bejniethom.

45. Oltre minn hekk il-fatt li r-rikorrent ressaq ir-rappreżentant tal-Malta Chamber of Commerce, Joanna Calleja, li tixhed li kemm ir-rikorrent u missieru kienu liċenzjati biex jaħdmu bħala 'commission agent' qajla ssaħħaħ il-verżjoni kif rakkontata mir-rikorrent. Ir-rwol tal-"Commission Agent" mhux dak li jgħaddi l-flus lil terz biex bihom it-terz jixtri stokk jew jinxtara stokk flimkien. Ir-rwol tal-"Commission Agent" huwa dak li jbiegħ prodotti ta' persuna oħra u li jirċievi parti mill-flus għal dak il-prodott talli jkun biegħ, b'din il-parti tal-flus li huwa jżomm tkun il-kummissjoni dovuta lilu għax-xogħol li huwa jkun wettaq biex ikun sar dak in-negożju. F'dan il-każ, ir-rapport tar-rikorrent ma Lauri, fi kliemu stess, ma kienx hekk. Hu ma kienx ibiegħ prodotti tal-Benetton jew tad-ditti l-oħra ta' Lauri. Kien Lauri li kien jixtri l-istokk. Ir-rikorrent jgħid li dan l-istokk kien jinxtara flimkien ma Lauri, iżda kif intqal, prova ta' dan ma nġabitx. Imma r-rikorrenti jirrikonoxxi li kien Lauri li kien jbiegħ dawk il-prodotti tal-Benetton et al. Fi kwalunkwe każ, mix-xiehda tar-rikorrent stess ma jirriżultax li r-relazzjoni bejnu u Lauri – anke li kieku verament li huwa kien għadda l-flus lil Lauri biex jinxtara stokk - kienet waħda li taqa' fl-isfera tal-attivita tiegħu ta' "Commission Agent" – almenu fl-istragrande maġġoranza tagħha.

46. In kontro-eżami f'paġna fol 178, u anke a fol 182, ir-rikorrent jikkonferma li l-flus mgħoddija minnu lil Lauri kienu intiżi biex Lauri jixtri stokk u mhux li huwa kien sempliċiment silef il-flus fuq l-idejn "brevi manu" lil Lauri. Iżda din l-istqarrija hija meruta mill-provi li ressaq ir-rikorrent stess bħala parti mill-atti tal-proċess anness rikors numru 985/2017 fejn hemm esebita l-ittra uffiċjali numru 1175/2017 ippreżentata fit-28 ta' Marzu 2017 li kienet intbagħtet biex tirrendi l-kambjala eżegwibbli għall-ammont mitlub fil-proċedura odjerna. F'dik l-ittra uffiċjali - eżebita fol 6 tal-proċess 985/2017 AF – u mibgħuta lil Lauri mir-rikorrent stess hemm miktub:

> ........ L-intimat huwa debitur tiegħu f’bilanċ minn somma akbar fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, disa mija u hamsin euro (€34,950) u jinterpellak tħallsu is-somma hawn fuq indikata rappreżentanti self brevi manu lilek mill-mittenti, kif jidher mill-kambjala li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok A.

47. Din hija prova li ma ssaħħaħx il-verżjoni tar-rikorrent; anzi ssostni l-kuntrarju – iġifieri li dak l-ammont kien self ta’ flus lil Lauri u xejn iżjed.

48. Apparti minn hekk, dik l-istess stqarrija hija wkoll meruta bid-dokumenti esebiti fol 47 sa 50 tal-proċess, fejn ir-rikorrent jispjega fix-xhieda tiegħu li l-garanzija għall-ammont dovut, kienet issir b'dan il-mod kif jidher f'dawn id-dokumenti. Importanti ħafna, li jiġi innutat li f'din il-garanzija kif miktuba hemm indikat, u tirreferi biss għal ‘loan’ u jerġa’ jiġi ripetut fl-istess kitba ta’ garanzija, li “*This loan of.......... payable to Marcus Lauri*.........” Għalhekk, il-prova li ressaq ir-rikorrent dwar il-garanzija ma ssemmi xejn dwar kummissjoni pretiża minnu iżda titkellem biss dwar ‘loan’ : li bil-Malti tiġi tfisser self ta' flus.

49. Ir-rikorrent kien mistenni li jressaq l-aħjar prova ta’ dak li jistqarr fir-rikors ġuramentat. L-aħjar prova li huwa ressaq f’dal-każ kienet dik - li għalkemm huwa ma jsejħilhiex hekk imma xorta waħda tibqa’ - ta’ self ta’ flus minnu lil Lauri. Fil-fatt kif anke jirriżulta mix-xiehda tar-rikorrent stess, ladarba huwa kien jgħaddilu dan il-flus, mhux dejjem kellu l-kontroll fuq kif Lauri jonfoqhom... Dan allura jkompli juri wkoll li r-rikorrent ma kellux kontroll fuq kif il-flus kienu jitħaddmu – ħaġa ferm differenti minn dak li jiġri f’”joint venture” fejn dawk li jkunu sħab normalment ikollhom grad ta’ visibilita u kontroll deċiżjonali fuq dak l-operat in komun. Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova sodisfaċenti ta’ dak mistqarr mir-rikorrent fir-rikors promotur, din il-qorti ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta.

50. Fid-dawl tas-suespost, sejra tiċħad it-talba tar-rikorrent filwaqt li tilqa' l-ewwel, it-tielet, ir-raba, is-sitt u s-seba’ eċċezzjonijiet tal-konvenut.

**Ikkunsidrat**

51. Referibbilment għat-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut dwar l-allegazzjoni ta' self b'użura da parti tar-rikorrent, il-Qorti tqis li

għalkemm dawk l-argumenti tresqu bħala eċċezzjonijiet, mill-banda l-oħra l-anqas tresqu f'kuntest ta' kontro-talba. F'dan l-istadju għalhekk, sabiex bl-ebda mod ma tippreġudika l-jeddijiet rispettivi tal-partijiet, il-Qorti mhix ser tmur oltre` minn dak mitlub fir-rikors promotur, u mhix ser tiddeċiedi dwar allegazzjonijiet ta' użura jew allegazzjonijiet ta' sperġur, kif eċċepit fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut. Kif tgħallem il-ġurisprudenza f'każijiet simili, din il-Qorti trid toqgħod ferm attenta milli tesprimi l-opinjoni tagħha li tali allegat użura jeżisti fil-każ in eżami jew le, għaliex tali riċerka tispetta lil din il-Qorti f'azzjoni *ad hoc*, u dan wara li jiġu mressqa l-provi kollha relevanti. Għaldaqstant, f'dan l-istadju, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tal-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut.

# Deċide

**Għaldaqstant, għall-motivi premessi, filwaqt li f'dan l-istadju tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-tminn eċċezzjoni, mill-banda l-oħra tilqa' l-ewwel, it-tielet, ir-raba', is-sitt, u s-seba' eċċezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tiċħad it-talba tar-rikorrent għar-raġunijiet spjegati.**

**Spejjeż jitħalsu kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrent u t-terz l-ieħor mill-intimat.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**